MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1535/2003

**Law. Quinatano & Co. Ltd**

**vs**

**John Degiorgio**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta' April 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mitt lira MAltin (Lm800.00) rapprezentanti bilanc fuq self brevi manu maghmul mis-socjeta' attrici a favur tal-konvenut fil-11 ta' Frar 2003, liema hlas kellu jsir sal-25 ta' Frar 2003 skond kif jirrizulta mill-iskrittura mmarkata bhala Dok. A.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra legali mibghuta fit-8 ta' April 2003, tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentati kontestwalment mal-Avviz u bl-imghax legali

mill-25 ta' Frar 2003 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fejn hija rriduciet it-talba taghha ghal seba' mitt lira Maltin (Lm700.00).

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra l-ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mitt lira Maltin (Lm700.00), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-Mandat ta' Qbid u tal-Mandat ta' Sekwestru prezentati kontestwalment mal-Avviz, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------